MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum l-14 ta’ Novembru, 2019

Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1257/2019/1 LM

**L-Avukat Matthew Paris (K.I. 605281M), u l-Avukat Luke Dalli (K.I. 467688M)**
**f’isimhom proprju u in rappreżentanza**
**tad-ditta legali DalliParis Advocates (950782320)**

***vs.***

**General National Maritime Transport Company (GNMTC),**
**kumpannija estera inkorporata ġewwa Tripoli (Libja)**
**bin-numru ta’ reġistrazzjoni 8126**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **l-Avukat Matthew Paris** (K.I. 605281M) u l-Avukat Luke Dalli (K.I. 467688M), f’isimhom proprju u in rappreżentanza tad-ditta

legali **DalliParis Advocates** (950782320) li ġie ppreżentat fis-17 ta' Settembru, 2019, u maħluf minn Dr Matthew Paris li jgħid:

*Illi r-rikorrenti jrid jikkawtela kontra l-persuna intimata flus dovuti lilu billi jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artikolu 874 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex iżomm lid-debitur u ċioe l-persuna intimata milli tittrasferixxi l-flus li jinsabu fil-kontijiet bankarji f'isimha, miftuħa fil-Bank of Valletta plc;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tat-tali mandat t'inibizzjoni tal-flus li jinsabu fil-pussess tal-Bank of Valletta plc relatati direttament u/jew indirettament mas-soċjetà intimata, senjatament kontijiet bankarji tal-istess u dana ai termini tal-artikolu 874 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta in vista tal-fatt li hemm perikolu serju u imminenti li l-flus kollha jiġu trasferiti barra l-pajjiż, din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiġi mitluba sabiex tilqa' dan il-mandat provviżorjament u dana taħt dawk il-provvedimenti li hekk jidhrilha xierqa u opportuni;*

*Illi r-rikorrenti qed jagħmlu dawn it-talbiet lil din l-Onorabbli Qorti in vista tal-fatti hawn taħt elenkati:*

1. *Illi l-esponenti hija partnership kostitwita mill-Avukati Matthew Paris u Luke Dalli (minn hawn 'il quddiem 'DPA', u li inter alia toffri servizzi legali u konsulenzi oħra;*

2. *Illi l-kumpannija intimata (minn hawn 'il quddiem 'GNMTC' hija soċjetà inkorporata ġewwa Tripoli, Libja, li inter alia hija involuta fit-trasport marittimu (hawn annessa kopja tal-profil tal-kumpannija bħala Dok. 1);*

3. *Illi l-kumpannija GNMTC għal diversi snin operat kontijiet bankarji ġewwa Malta, senjatament mal-Bank of Valletta plc (minn hawn 'il quddiem 'BOV'), iżda mis-sena 2015 'il quddiem u in vista ta' bidliet fl-istruttura tal-kumpannija u dawk leġislattivi, inqalgħet il-kwistjoni bejn GNMTC u l-BOV;*

4. *Illi minkejja varji skambji tul numru ta' snin, il-kwistjoni ma ġietx riżolta, bil-konsegwenza li GNMTC ma kellhomx aċċess għall-flus tagħhom;*

5. *Illi l-partnership DalliParis Advocates ġiet ingaġġata minn GNMTC sabiex tgħin u tassisti fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u dana wara li ġew diskussi l-materji u kwistjonijiet kollha;*

6. *Illi nhar it-18 ta' Settembru 2018 permezz ta' ittra r-rikorrenti kkonfermaw li kienu lesti jaċċettaw l-inkarigu (kopja tal-ittra hawn annessa bħala Dok. 2);*

7. *Illi inoltre, anness mal-ittra sopraċitata ġiet inkluża letter of engagement li elenkat it-termini u kundizzjonijiet ta' tali inkarigu (l-ebda mill-partijiet ma ffirma din il-letter of engagement) (kopja hawn annessa bħala Dok. 3);*

8. *Illi wara numru ta' korrispondenza ta' kjarifika bejn il-partijiet, ġie kkonfermat li l-inkarigu ma kellux jestendi għal proċeduri ġudizzjarji, u f'każ li jkun hemm dan il-ħsieb l-inkarigu jkun suġġett għal arranġament ġdid (estratt mill-korrispondenza bejn il-partijiet hawn annessa bħala Dok. 4);*

9. *Illi wara ħafna xogħol li sar minn DPA tul sena sħiħa, nhar is-6 t'Awwissu 2019, GNMTC ġew infurmati mill-BOV li kienu ser jagħtu aċċess lill-istess għall-fondi tagħhom, liema iżda kellhom jiġu trasferiti f'kont ieħor tal-għażla tagħhom u dana b'mod immedjat;*

10. *Illi f'dan il-mument, u in vista tal-fatt li l-inkarigu kien eżawrit, DPA għamlu talba għall-ħlasijiet dovuti, liema b'diżappunt tali talba ġiet milqugħa b'rifjut stante li skont rappreżentant tal-istess GNMTC, dak li "legally binding letter of engagement" nhar l-14 ta' Settembru 2019 (ara Dok 5) sar "the letter was never signed by GNMTC which proves the lack of agreement in regards to the proposed 'success fee' nhar id-9 ta' Settembru 2019 (ara Dok. 6);*

11. *Illi bħala fatt, DPA tikkonferma s-segwenti:*

> *L-EWWEL L-inkarigu ġie aċċettat ibbażat fuq numru ta' kundizzjonijiet liema kienu ukoll jinkludu l-ħlasijiet ordinarji, u f'każ ta' suċċess (out of court settlement), success fee determinata;*
>
> *IT-TIENI Filwaqt li kien hemm kjarifika nhar l-20 ta' Settembru 2018 dwar is-success fee, din ġiet imwieġba u spjegata nhar l-24 ta' Settembru 2018;*
>
> *IT-TIELET Sar qbil li f'każ li jkun hemm ħtieġa ta' proċeduri ġudizzjarji, tali tkun soġġetta għal arranġament ieħor (espressament ġie aċċettat li kien*

*hemm diġà ftehim bejn il-partijiet fis-seħħ) (ara email datata 30 ta' Settembru 2019);*

*IR-RABA' Nhar l-4 ta' Settembru 2019, rappreżentant ta' GNMTC ikkonferma li l-letter of engagement hija 'legally binding';*

12. *Illi, in vista tas-suespost, u minkejja interpellazzjonijiet, nhar il-Ħamis 12 ta' Settembru 2019, GNMTC ġew formalment notifikati li ser jinfetħu proċeduri ta' arbitraġġ quddiem iċ-Ċentru ta' Arbitraġġ ta' Malta (kopja tal-ittra hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 7).*

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Settembru, 2019 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament għar-rigward tas-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12, kif ukoll ordnat in-notifika tar-Rikors u d-Digriet lis-soċjetà intimata u lil Bank of Valletta p.l.c.

Rat illi wara d-digriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2019, fejn ordnat li jinħatru kuraturi deputati sabiex jidhru għas-soċjetà estera intimata **General National Maritime Transport Company** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata"), u wara li nħarġu s-soliti bandi, fit-23 ta' Ottubru, 2019 ġiet ippreżentata nota mill-Avukat Alison Vassallo fejn iddikjarat li hija l-mandatarja speċjali tas-soċjetà intimata, u li għaldaqstant m'hemmx il-ħtieġa tal-ħatra ta' kuraturi deputati għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà intimata.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Alison Vassallo għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà intimata **General National Maritime Transport Company (GNMTC),** ippreżentata fil-4 ta' Novembru, 2019, li tgħid kif ġej:

*Illi s-soċjetà intimata General National Maritime Transport Company ('GNMTC') hija kumpannija statali tal-istat Libjan bi preżenza hawn Malta;*

*Illi s-soċjetà GNMTC hija reġistrata bħala Overseas Company mill-Malta Business Registry (bin-numru uffiċjali OC-91) kif ukoll hija l-proprjetarja ta' uffiċini ġewwa Ta' Xbiex, fejn preżentement qegħdin isiru diversi renovation works sabiex dan il-bini jista' jintuża bħala branch ta' GNMTC hawn Malta;*

*Illi s-soċjetà intimata għal dawn l-aħħar snin kellha fondi ddepożitati mal-Bank of Valletta ('BOV');*

*Illi fis-6 t'Awwissu 2019 GNMTC irċeviet ittra mingħand il-BOV fejn dan infurmaha li ma kienx f'pożizzjoni li jkompli jipprovdi servizzi bankarji lis-soċjetà intimata. Kopja ta' din l-ittra hawn annessa u mmarkata AV1;*

*Illi permezz tal-istess ittra, il-BOV ta indikazzjoni li l-kontijiet bankarji miżmuma miegħu tas-soċjetà intimata kienu ser jingħalqu u li l-fondi fil-pussess tal-istess bank kienu ser jintbagħtu lura lis-soċjetà intimata. Għalhekk il-GNMTC ġew mitluba d-dettalji tal-kont bankarju l-ieħor miżmuma minnha ma' bank alternattiv;*

*Illi nonostante l-fatt illi s-soċjetà intimata pprovdiet id-dettalji neċessarji rikjesti mill-BOV sabiex dawn il-fondi jintraddulha lura, l-istess bank ilu minn Awwissu 'l hawn ikaxkar saqajh u jipposponi t-trasferiment lura tal-fondi lis-soċjetà intimata.*

*Illi dan kollu wassal lis-soċjetà intimata sabiex twissi lill-BOV li dan l-aġir tiegħu ma kien qed iħallilha ebda triq oħra ħlief li tressaq rapport formali mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji Maltija ('MFSA') kif ukoll mal-Bank Ċentrali Ewropew. Kopja ta' din l-ittra hawn annessa u mmarkata AV2.*

*Illi l-bank fl-24 ta' Ottubru 2019 informa lis-soċjetà intimata li l-fondi kienu ser jiġu trasmessi lura lilha, bl-eċċezzjoni ta' ammont ta' Euro 200,000 li kienu ser jiġu imblukkati peress illi, skont il-BOV, is-soċjetà GNMTC kienet ġiet notifikata b'mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi jingħad illi dan l-aġir tal-bank BOV jirriżulta ferm stramb u irregolari meta wieħed iqis illi:*

(i) *Kien hemm dewmien ta' tliet xhur mingħajr spjegazzjoni ta' xejn u skiet perfett mid-data li l-bank indika li l-fondi kienu ser jintbagħtu lura s-soċjetà intimata.*

(ii) *Meta l-bank fl-aħħar wasal illi jikkonferma illi l-fondi kienu ser jintbagħtu lura, ġie però imblukkat ammont ta' Euro 200,000 fl-assenza ta' ebda ordni tal-Qorti f'dan ir-rigward.*

(iii) *Il-każ odjern si tratta dwar mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tas-soċjetà intimata, li semmai eventwalment jorbot biss lis-soċjetà intimata, u mhux ta' mandat ta' sekwestru fejn bank jiġi ordnat bħala sekwestratarju sabiex jiddepożita l-flus ta' debitur fir-Reġistru tal-Qorti.*

*Illi għal kull buon fini qed jiġi ddikjarat li s-soċjetà intimata qed tirriserva kull dritt spettanti lilha sabiex tieħu passi legali fil-konfront tal-fuq imsemmi bank li jidher li qed jieħu l-liġi f'idejh.*

*Illi in vista tas-suespost qed jiġi sottomess li l-iskop tal-Artikolu 874(2) ċertament mhuwiex li jiġi ffriżat f'idejn il-banek l-assi tad-debitur jew li jservi bħala impediment li jwaqqaf lid-debitur milli jiġbed il-flejjes tiegħu mill-kontijiet bankarji tiegħu stess* iżda illi semmai:

*"... biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi, jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu."*

*Illi għalhekk l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa biex jimpedixxi lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi mill-proprjetà milquta lil terzi persuni.*

*Illi d-difensur tas-soċjetà intimata hija konxja tal-fatt illi l-ġurisprudenza nostrana hija kostanti fis-sens li r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat tax-xorta tal-lum huma biss li (i) it-talba għall-ħruġ tal-mandat trid tkun ta' kreditu, u li (ii) l-ammont pretiż irid ikun ta' aktar minn Euro 11,646.86.*

*Illi l-aġir tad-ditta legali rikorrenti huwa intiż sabiex ipoġġi pressjoni illegali fuq is-soċjetà intimata u sabiex toħloq preġudizzju irrimedjabbli stante illi huma kienu ferm konxji tal-fatt li l-bank għalaq il-kontijiet bankarji.*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan, is-soċjetà intimata f'dan l-istadju, m'għandha l-ebda triq għajr li tirrimetti ruħha fir-rigward tal-ħruġ ta' dan il-mandat, filwaqt li tirriserva bis-saħħa d-dritt tagħha li sussegwentement tikkontesta l-ħruġ ta' tali mandat, titlob il-penali u d-danni kif previsti mil-liġi kif ukoll li titlob garanzija xierqa ai termini tal-artikolu 838A, kif ukoll sejra tikkontesta bis-saħħa kwalunkwe azzjoni jew proċeduri fuq il-mertu.*

Rat id-digriet mogħti waqt l-udjenza tat-2 ta’ Ottubru, 2019, fejn ordnat li s-somma kawtelata provviżorjament bil-mandat odjern għandha tkun ta’ mitejn elf Euro (€200,000) minflok ħmistax-il elf Euro (€15,000)

Rat l-atti kollha tar-Rikors u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta’ inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Novembru, 2019 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tal-proċedura odjerna li saret *ai termini* tal-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-Qorti żżomm lis-soċjetà intimata milli tittrasferixxi flejjes li s-soċjetà intimata għandha ddepożitati f’isimha ma’ Bank of Valletta plc. Ir-rikorrenti jgħidu li s-soċjetà intimata hija debitriċi tagħhom fir-rigward ta’ *fees* legali li għandhom jitħallsu lilhom, u għaldaqstant hu impellenti li dawn il-flejjes jinżammu ddepożitati fil-Bank of Valletta u ma jitħallewx joħorġu minn dan il-bank minħabba r-riskju li dawn il-flejjes jintbagħtu f’xi bank barra minn Malta, u b’hekk ir-rikorrenti jistgħu jiġu preġudikati għax ma jkunux jistgħu jeżegwixxu l-jeddijiet tagħhom jekk jingħataw raġun miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta

fil-proċeduri dwar il-mertu. Ir-rikorrenti qalu li huma jinsabu konxji tal-fatt li l-Bank of Valletta informa lis-soċjetà intimata li kien ser itemm ir-relazzjoni tiegħu magħha, u l-bank kien ser jiddepożita l-flejjes li din il-kumpannija għandha depożitati ma’ dan il-bank għal kontijiet tagħha f’banek barra minn Malta.

Bejn il-partijiet fil-proċeduri odjerni hemm għaddejja kwistjoni dwar il-ħlas ta’ *legal fees* jew ossija *success fees* li r-rikorrenti jippretendu li huma dovuta lilhom, imma li huma kkontestati mis-soċjetà intimata, u għalhekk r-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-Qorti tordna l-ħruġ ta’ dan il-mandat sabiex jiġu kkawtelati l-pretensjonijiet tagħhom.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata eċċepiet li l-mandat ta’ inibizzjoni ma kienx il-mezz proċedurali idoneu biex ir-rikorrenti jissalvagwardjaw il-jedd li huma jippretendu li għandhom. Is-soċjetà intimata ssostni li l-iskop tal-artikolu 874(2) tal-Kapitolu 12 mhuwiex li jiffriża l-assi tad-debitur f’idejn terzi, f’dan il-każ il-Bank of Valletta p.l.c., jew inkella li jservi ta’ impediment sabiex iwaqqaf lid-debitur milli jiġbed flejjes tiegħu mill-kontijiet bankarji tiegħu stess, iżda sabiex f’każ li kreditur ikollu pretensjoni ta’ aktar minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86), dan ikun jista’ jżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* b’titolu oneruż jew gratuwitu l-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja ta' *overview* fir-rigward tas-soċjetà intimata **General National Maritime Transport Company (GNMTC)**[1]; kopja tal-ittra li r-rikorrenti bagħtu lis-soċjetà intimata fit-18 ta' Settembru, 2018, b'kopja tal-*engagement letter* annessa magħha[2]; u korrispondenza bl-*email* li għaddiet bejn ir-rikorrenti u rappreżentanti tas-soċjetà intimata.[3]

Permezz ta' nota tas-26 ta' Settembru, 2019, ir-rikorrenti infurmaw lill-Qorti li wara li intavolaw ir-rikors tagħhom għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, huma istitwew ukoll proċeduri quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta dwar il-mertu tal-pendenza li għandhom mas-soċjetà intimata.[4]

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019, ir-rikorrenti talbu sabiex l-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000), provviżorjament kawtelat b'dan il-mandat jiġi awmentat għas-somma ta' mitejn elf Euro (€200,000), u dan in vista tad-deċiżjoni li kien ħa l-Bank of Valletta plc li l-flejjes iddepożitati f'isem is-soċjetà intimata kellhom jinħarġu barra l-pajjiż fit-8 ta' Ottubru, 2019. Il-Qorti wara li rat l-artikolu 230 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ordnat li s-somma kkawtelata provviżorjament bil-mandat odjern tkun ta' mitejn elf Euro (€200,000).

---

[1] *A fol.* 7 tal-proċess.
[2] *A fol.* 10 tal-proċess.
[3] *A fol.* 16 tal-proċess.
[4] *A fol.* 37 tal-proċess.

Permezz ta' nota tad-29 ta' Ottubru, 2019, ir-rikorrenti infurmaw lill-Qorti li s-soċjetà intimata ħallset ir-*request for payment* tat-23 ta' Awwissu, 2019, permezz ta' ħlas li sar fl-24 ta' Ottubru 2019.[5]

Flimkien mar-risposta tagħha, is-soċjetà intimata ppreżentat kopja ta' ittra tas-6 ta' Awwissu, 2019 mibgħuta lilha mill-Bank of Valletta plc, li permezz tagħha s-soċjetà intimata ġiet infurmata li l-bank ma kienx għadu f'pożizzjoni li jibqa' jipprovdilha servizzi bankarji, u li hija kellha tagħmel l-arranġamenti kollha neċessarji sabiex issib faċilitajiet bankarji alternattivi.[6]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

---

[5] *A fol.* 45 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 53 tal-proċess.

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara et**[7]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn

[7] P.A., 13.05.2014.

il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb et noe *vs.* Marin Hili et noe**[8] tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[9]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe *vs.* Stephanie Manfré**[10] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-

[8] Rikors Numru 3135/94.
[9] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.
[10] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-mandat ta’ inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta’ natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> “Illi … l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta’ provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b’mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tintlaqa’, ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża’ r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.”[11]

(5) Ir-rabta ta’ mandat ta’ inibizzjoni m’għandhiex tintuża bħala arma ta’ theddid jew ġegħil *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B’dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-mandat ta’ inibizzjoni jinbidel f’arma bħal din.[12]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat.[13]

---

[11] P.A., 25.01.2005.
[12] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[13] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikorrenti għamlu talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni *ai termini* tal-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom għall-ħlas ta' servizzi legali u servizzi ancillari oħra pprestati minnhom lis-soċjetà intimata. Permezz tar-rikors tagħhom għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti żżomm lis-soċjetà intimata milli tittrasferixxi flus li għandha ddepożitati ma' Bank of Valletta plc għal kontijiet bankarji li għandha ma' terzi, in kawtela tal-pretensjoni li huma għandhom fil-konfront tas-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti jgħidu li huma infurmati li l-Bank of Valletta qiegħed ifittex li jittermina r-relazzjoni kummerċjali tiegħu mas-soċjetà intimata, u li l-istess bank talab lis-soċjetà intimata tipprovdi d-dettalji ta' kontijiet oħra li hija għandha ma' banek oħra, inkluż barra minn Malta, sabiex il-flus li hija għandha ddepożitati mal-Bank of Valletta jkunu jistgħu jiġu trasferiti fihom. Is-soċjetà intimata qiegħda tikkontesta li hija għandha tagħti xi flus lir-rikorrenti, imma din il-kwistjoni bejn il-partijiet mhijiex xi ħaġa li din l-Qorti għandha tidħol fiha f'dan l-istadju ta' *prima facie*.

Il-Qorti tirrileva li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat qiegħda ssir bl-iskop li jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom għall-eventwalità li fil-proċeduri dwar il-mertu, jiġi deċiż li huma għandhom jirċievu ħlasijiet mingħand is-soċjetà intimata, u dan huwa l-mod li bih huma qegħdin ifittxu li jissalvagwardjaw il-pretensjonijiet tagħhom. Ir-rikorrenti jgħidu li sabiex il-

pretensjonijiet tagħhom jiġu salvagwardjati, huwa importanti li l-flejjes li s-soċjetà intimata għandha depożitati mal-Bank of Valletta ma jinħarġux minn hemmhekk, u jsostnu li l-preġudizzju li jinħoloq fil-konfront tagħhom f'każ li dawn il-flejjes jiġu ddepożitati f'kont bankarju barra minn Malta, ikun wieħed irrimedjabbli. Fi ftit kliem, ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tordna l-ħruġ ta' dan il-mandat sabiex il-flus li s-soċjetà intimata għandha ddepożitati mal-Bank of Valletta ma jintmissux minn hemmhekk.

Il-Qorti tqis li r-rikorrenti bit-talba tagħhom għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, għar-raġunijiet li jafu huma, ma rrikorrewx għall-proċedura idonea għall-għanijiet li jridu jilħqu, u ċjoé l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, li jkun jorbot mhux biss lid-debitur sekwestrat imma anki lill-bank sekwestratarju. Il-proċedura għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija maħsuba biex tinibixxi biss lis-soċjetà intimata. Fl-ambitu ta' din il-proċedura m'hemm xejn li din il-Qorti tista' tagħmel biex iżżomm lill-Bank of Valletta, li mhux parti f'dawn il-proċeduri, milli jittrasferixxi d-depożiti tas-soċjetà intimata f'kontijiet bankarji barra minn Malta. Il-Qorti ttenni li kien hemm proċeduri kawtelatorji oħra li r-rikorrenti setgħu jirrikorru għalihom li kienu jkunu ferm aktar effettivi biex jissodisfaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti sabiex flus is-soċjetà intimata jibqgħu ddepożitati mal-Bank of Valletta, u ċertament l-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni mhijiex dik idonea biex torbot lil terzi, bħal mhuwa l-Bank of Valletta fiċ-ċirkostanzi attwali.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-mandat ta' inibizzjoni mhux meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, għax anki jekk jirriżultaw sodisfatti l-elementi tal-jedd *prima facie* u tal-irrimedjabbilità tal-preġudizzju f'każ li flus is-soċjetà intimata

jinħarġu mill-Bank of Valletta, xorta waħda l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni ma jkollux l-effett li jitħarsu l-jeddijiet li r-rikorrenti jippretendu li għandhom. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti mhix sejra tilqa’ t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta’ dan il-mandat.

**Decide**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* l-effetti tad-digrieti tagħha tas-17 ta’ Settembru, 2019 u tat-2 ta’ Ottubru, 2019 sa fejn kienet laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat b’mod provviżorju, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, stante li ma jirriżultawx sodisfatti l-elementi maħsuba mil-leġiżlatur sabiex jintlaqa’ mandat ta’ din ix-xorta.**

Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.

Mogħti kameralment fl-14 ta’ Novembru, 2019.